# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

# ONOR. MHALLEF
# JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar l-Erbgha 18 ta' Ottubru 2017**

**Mandat Numru: 1382/2017/1 JPG**

**Laurence u Jennifer konjugi Catania**
**rispettivament KI Numru 519175M u 559677M**

**VS**

**Mary Catania**
**ID No. 304147M**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Laurence u Jennifer Catania rispettivament KI Numru 519175M u 559677M, datata fil-25 ta' Settembru 2017, a fol 1 et seqq. li jaqra hekk;

*Illi l-esponenti ghandu interess li jitharsu l-jeddijiet tal-esponenti;*

*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu, jixtieq izomm l-intimat milli tezegwixxi l-mandat ta' zgumbrament numru 1378/17 u milli jinhargu l-possedimenti taghhom mid-dar Flt 5, Blk 1, Triq il-Mithna, Bini tal-Gvern,*

*Haz-Zebbug u milli c-cwievet ta' l-istess dar jinghataw lill-ezezkutenti Mary Catania u dan ghar-ragunijiet hawn esposti;*

*Illi permezz ta' sentenza tad-9 ta' Marzu 2017 fl-ismijiet Mary Catania (KI 304147M) vs Laurence Catania u Jennifer Catania, l-istess Laurence u Jennifer konjugi Catania gew ordnati jizgumbraw mill-fond fuq indikat stante li skond l-istess parti l-konjugi Catania ma ghandhomx titolu validu biex ikomplu jirrisjedu fid-dar (Citaz. Nru. 120/17 LSO).*

*Illi dawn il-proceduri gew ittratati u decizi bid-dispensa tas-smiegh taht id-dispozittiv ta' l-artikoli 167 et seqq. tal-Kap 12.*

*Illi minkejja li l-konjugi Catania laqghu ghat-talba ta' Mary Catania billi spjegaw li kienet Mary Catania stess (omm Laurence Catania) li kienet dahlithom fid-dar bil-kunsens taghha ben ghaxar snin ilu u fil-fatt l-konjugi Catania nefqu madwar tletin elf ewro (€30,000) f'emeljorazzjonijiet fid-dar ghaliex huma, martu u t-tlett uliedhom jirrisjedu fil-fond – ftehim ex contractu - il-Qorti xorta wahda ordnat l-izgumbament taghhom.*

*Illi l-konjugi Catania appellaw mis-sentenza surreferita liema appell ghadu pendent u fil-fatt ghadu bla data ghall-ewwel smiegh. Illi madankollu Mary Catania resqet rikors fl-atti ta' l-appell li permezz tieghu tablet u ottjeniet l-ezekuzzjoni provizorja tas-sentenza appellata taht id-dispozittiv ta' l-artikolu 266 tal-Kap 12 (120/2017 Appell).*

*Illi l-konjugi Catania, bi tlett uliedhom b'kollox, issa jinsabu rinfaccati bi zgumbrament imminenti tant li nhar il-Gimgha 22 ta' Settembru 2017 Mary Catania ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' zgumbrament numru 1387/17 liema mandat ghadu ma giex ezegwit.*

*Illi l-offerti ta' l-Appell, fis-smiegh tar-rikors ta' Mary Catania sabiex is-sentenza appellata tigi primarjament ezegwita, immotivat id-decizjoni, ossia digriet taghha billi sostniet li l-kwistjonijiet imqajma mill-konjugi Catania "fl-istess rikors ta l-appell" ma jirrigwardawx xejn il- pern tal-kwistjoni u*

*allura l-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex m'ghandiex tippermetti l-ezekuzzjoni tas-sentenza f'idejn l-istadju".*

*Illi b'kull rispett u fl-umli fehma tal-esponent id-dispositti v tal-artikolu 266 tal-Kap 12 huwa car u l-unika motivazzjoni li biha l-Qorti # ghandha tkejjel il-kaz huwa li taghmel indagini u "tkun sodisfatta illi d-dewmien fl-ezekuzzjoni tas-sentenza jkun sejjer aktarx jikkawza pregudizju akbar lil parti li titlob dikjarazzjoni skont is-subartiklu (1) milli dik l-ezekuzzjoni tkun tikkaguna lill-parti kontrarja."*

*Illi kwindi il-bazi tal-motivazzjoni li uzat il-Qorti ta l-appell hija lesiva fil-konfront ta dritt garantit lil intimati mill-artikolu 6 tal-konvenzjoni ewropea ghas-smiegh xieraq minn qorti indipendenti u mparzjali.*

*Illi di piu l-artikolu 266 tal-KAp 12 huwa fieh innifsu lesiv fil-konfront ta l-esponenti billi jikkostitwixxi ksur tad-dritt garantit mill-artikolu 6 tal-konvenzjoni ewropea u dan stante li ir-rikorrenti mhux ha jkunu inghataw smiegh xieraq min Qorti indipendenti u imparzjali kif ukoll kontra il-gurisprudenza stabilita mill-Qorti ta' Strasbourg.*

*Illi il-mandat ta sgumbrament ser jigi ezegwit immedjatament u kwindi jehtieg li dan il-mandat ta inibizzjoni jigi milqut provizorjament b'mod immedjat.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi il-Qorti ma laqatx it-talba tar-rikorrenti provizorjament izda appuntat rikors ghas-smiegh ghall-4 ta' Ottubru 2017;

Rat ir-Risposta tas-socjeta intimata Mary Catania (KI Nru. 304147M), datata fl-4 ta' Ottubru 2017, a fol 5 et seqq, li taqra hekk:

*Illi l-esponenti kienet talbet lill-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li r-rikorrenti qegħdin jokkupaw il-fond tagħha b'mod abbużiv mingħajr ebda titolu validu fil-Liġi u konsegwentament tikkundannhom jiżgombraw mill-istess fond. Illi permezz ta' sentenza datata 9 ta' Marzu, 2017 din il-Qorti laqgħet it-talbiet tal-esponenti (ara sentenza annessa u mmarkata bħala Dok A);*

*Illi konsegwentament ir-rikorrenti appellaw mill-imsemmija sentenza. Illi fl-Atti tal-Appell l-esponenti talbet lill-Onorabbli Qorti tal-Appell sabiex tiddikjara s-sentenza tal-Ewwel Qorti esegwibbli provizzorjament. Illi l-Qorti laqgħet it-talba tal-attriċi permezz ta' sentenza datata 18 ta' Lulju, 2017, b'dana li t-terminu ta' xahrejn bdew jidekorru minn dak il-jum (ara Dok B);*

*Illi peress li wara xahrejn ir-rikorrenti ma telqux mill-fond, fit-22 ta' Settembru, 2017, l-esponenti ma kellha l-ebda ghazla ohra ghajr li tintavola Mandat ta' Żgumbrament, liema Mandat ġie milqugh;*

*Illi permezz tal-Mandat ta' Inibizzjoni de quo, ir-rikorrenti qed jitolbu lill-Qorti sabiex tinibixxi lill-esponenti milli tesegwixxi l-mandat ta'zgumbrament numru 1378/17;*

*<u>Punti Legali</u>*

1. *Illi it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom u dan għas-segwenti raġunijiet;*

*a) Illi sabiex ir-rikorrenti jirmexxu fl-azzjoni, jenħtieġ li jippruvaw illi dan il-mandat huwa neċessarju sabiex (1) jitħarsu l-jeddijiet tiegħu; (2) li prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet u li (3) huwa ser isofri xi preġudizzju jekk l-esponenti ma tiġix inibita kif mitlub (ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet* ***Giacomo Galea vs Pio Bezzina, Appell Kummercjali, 5 ta' Awissu, 1954****). Illi f'kull kaz, mandat ta' dan it-tip ghandu jigi milquh u/jew*

*akkordat biss jekk huwa assolutament neccessarju (ara* ***Emilia Miller Blacker pro et noe vs Maria Costantina Howard, Appell Civili, 7 ta' Lulju, 1920****);*

*b) Illi r-rikorrenti ma għandhom l-ebda jedd prima facie sabiex jagħmlu din it-talba, liema talba ma hix proponibbli a termini tal-artikolu 276 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi dan l-artikolu b'referenza għall-Mandati Eżekuttivi jaqra li:*

***''Ħadd ma jista' jagħmel oppozizzjoni għall-esekuzzjoni ta' mandat, ħlief wara li tkun saret l-esekuzzjoni.''***

*Illi għalhekk din it-talba ma tistax issir stante li b'dan il-Mandat, ir-rikorrenti qegħdin jagħmlu opposizzjoni għall-esekuzzjoni ta' Mandat Eżekuttiv. Illi filfatt se mai ir-rikorrenti kellhom jistennew l-eżekuzzjoni iseħħ u jattakaw l-Mandat Eżekuttiv bil-proċedura ideona fil-liġi u cioe' tal-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ;*

*ċ) Illi in oltre, huma ma għandom l-ebda jedd prima facie u dan peress li huma kellhom u għad għandhom kull opportunita' li jagħmlu użu mill-proċedura tal-artikolu 266(4) tal-Kap 12 u cioe' dik li jitolbu lill-istess Qorti tal-Appell sabiex thassar id-digriet tat-18 ta' Lulju, 2017. Illi għalhekk ma jistgħux issa ir-rikorrenti jsostnu li d-dritt tagħhom tas-smiegħ xieraq qed jiġi leżiv meta huma lanqas biss għamlu użu mil-proċedura rikjesta mill-liġi;*

*d) Illi fit-tieni lok, ir-rikorrenti qed isostnu li d-digriet tal-Qorti tal-Appell huwa leżiv tad-dritt tagħhom li jkollhom smiegħ xieraq stante li ma saritx evalwazzjoni jekk l-esekuzzjoni provizorja tas-sentenza hux ser tikkaġuna aktar preġudizzju lilhom kif rikjest mill-liġi. Illi dan ma kienx il-każ u dana peress li l-esponenti fir-rikors tagħha spjegat fid-dettal il-preġudizzju li kien ser jiġi kkawżat, għall-liema rikors ir-rikorrenti kellhom id-dritt, li filfatt utilizzaw sabiex jintavolaw risposta filwaqt li r-rikors ġie appuntat għas-smiegħ fejn il-partijiet trattaw il-punti legali;*

*Illi għalhekk ma jistgħux issa r-rikorrenti jtennu li d-drittijiet tagħhom ġew lesivi u dan peress li l-Qorti wara li evalwat iċ-ċirkostanzi tal-każ u qieset il-ġurisprudenza relattivi, laqgħet it-talba tal-esponenti. Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma għandhom l-ebda jedd prima facie;*

*e) Illi r-rikorrenti jsostnu li huma ser ibgħatu preġudizzju kbir meta 'bi tlett uliedhom b'kollox, issa jinsabu rinfacjati bi zgumbrament imminenti'. Illi tajjeb li wieħed jinnota li l-esponenti ngħatalom il-perjodu ta' xahrejn mid-digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Appell u għalhekk l-iżgumbrament ma huwa imminenti xejn iżda r-rikorrenti kellhom biżżejed cans sabiex jagħmlu t-talbiet rispettivi tagħhom fosthom dik imsemmija taħt l-artikolu 266(4) tal-Kap 12, kif ukoll it-talba sabiex l-appell jiġi appuntat b'mod urġenti;*

*Illi kif intqal fis-sentenza* ***Falcon Funds Sicav plc (SV 295) vs Emil Amir Ingmanson (K.I. 75465A)****, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Frar, 2017:*

*''Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni: ... (2) iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd: tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-Artikolu 873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun jista' jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ l-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħ eġ għall-ħruġ tal-Mandat.''*

*Illi kjarament dan ma hux il-każ fiċ-ċirkostanżi odjerni;*

*(f) Illi issir referenza ukoll għas-sentenza* ***Sammy Borg Enterprises Limited (C32089) vs Kunsill Lokali San Ġwann et****, deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' April, 2017, liema sentenza kienet tirrigwarda talba għall-*

*ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni sabiex iwaqqaf lill-initimat milli jikkonkludi kuntratt ordnat mill-Qorti tal-Appell. Il-konvenut f'dak il-każ kien ilmenta li inkiser id-dritt fundamentali tiegħu ta' audi alteram parte'. Il-Qorti tenniet:*

*''illi kienet l-għażla tas-soċjeta' rikorrenti li ddeċidiet li ma tutilizzax ir-rimedji li kellha għad-dispożizzjoni tagħha. Meta kienet is-soċjeta' rikorrenti stess li ddeċidiet li ma tressaqx l-oġġezzjoni tagħha quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi u li ma tintervjenix lanqas quddiem il-Qorti tal-Appell, issa ma tistax tippretendi li hemm xi ksur tal-audi alteram partem. Bl-istess argument jekk kulħadd, anki min ma kienx ittenderja fil-bidu, seta' jittenderja bl-ewwel deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, il-fatt li llum hemm sentenza tal-Qorti tal-Appell li waqqgħu dawk id-deċiżjonijiet ifisser li hemm ksur tad-drittijiet ta' kulħadd? Prima facie dan ma jreġix u din il-Qorti kif presjeduta kellha okkażjoni tittratta punt simili, għalkemm f'ċirkostanzi kemmxejn differenti, fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet Flimkien għal Ambjent Aħjar vs. Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, fejn ir-rikorrenti ma utilizzawx il-proċeduri li kellhom a dispożizzjoni tagħhom imma mbagħad wara ma segħux joġġezzjonaw u jitolbu l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fir-rigward ta' laqgħa li kienet ser isir meta huma ma kinux registered objectors.*

*Illi hekk kif f'dik l-istanza kien ġie deċiż illi ma kien hemm ebda jedd prima facie x'jiġi kkawtelat, l-istess raġunament għandu japplika fil-proċeduri odjerni fejn il-Qorti tqis illi t-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni hija waħda frivola fiergħa u saret b'abbuż tal-istitut tal-mandat ta' inibizzjoni''*

*(g) Illi manadakollu r-rikorrenti qed jilmentaw li huma ser ikunu preġudikati. Illi kif kellha l-opportunita' li tisma l-Onorabbli Qorti tal-Appell li evalwat iċ-ċirkostanzi tal-każ, il-preġudizzju li ser ikun soffert mill-esponenti huwa akbar u dana peress li fost oħrajn hija għandha l-eta' avvanżata ta' sebgħin sena (70) u għalhekk hija pensjonanta u tgħix sempliċiment bil-pensjoni tagħha ta' ftit aktar minn erba mitt ewro (€400) apparti ftit benefiċċji tal-mard. Illi hija kellha wkoll tmur tirresjedi ġo first*

*stage shelter fejn skadilha z-zmien li tista tibqa' tirrisjedi hemm. Illi dawn iċ-ċirkostanzi ġew kollha evalwati mill-istess Qorti tal-Appell. Illi għalhekk l-anqas ir-rekwiżit ta' preġudizzju ma huwa sodisfatt;*

*2. Illi minn dawn iċ-ċirkostanżi jidher ċar li r-rikorrenti ntavolaw dan il-Mandat b'mod abbużiv, kontra l-liġi, bl-intendiment li jtawlu aktar il-proċeduri. Illi se mai, dan it-tentattiv da parti tar-rikorrenti sabiex iwaqqfu l-eżekuzzjoni ta' Mandat Ezekuttiv għandu wkoll jammonta għal-disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti;*

*3. Illi in effetti, jekk din l-Onorabbli Qorti tilqa dan il-Mandat de quo, ikun ifisser li kwalunkwe persuna tista' tintavola Mandat kawtelatorju sabiex twaqqaf l-eżekuzzjoni ta' Mandati Eżekuttivi. Illi dan jmur kontra l-ispirtu tal- Mandati;*

*Illi in vista ta' dak kollu appena eċċepit u in vista tal-fatt illi t-talba għall-ħruġ tal-mandat odjern hija waħda għall-kollox frivola u vessatorja, dan il-mandat għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

Rat illi l-avukati difensuri fis-seduta ta l-4 ta' Ottubru 2017 iddikjaraw li ma kellhomx provi ulterjuri xi jressqu salv dawk ezebiti ma l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

Ir-rikorrenti qieghdin jitolbu l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex izommu lill-intimata milli tesegwixxi il-mandat ta' zgumbrament bin-numru 1378/17. L-intimata ottjeniet dan il-mandat ta' zgumbrament wara digriet tal-Qorti tal-Appell datat 18 ta' Lulju 2017 permezz ta' liema l-Qorti tal-Appell laqghat it-talba ta' Mary Catania sabiex is-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta, li ordnat l-izgumbrament tar-rikorrenti, tigi dikjarata provvizorjament esegwibbli a tenur tal-Artikolu 266(7) tal-Kodici tal-Procedura

Civili. Mary Catania kienet ibbazat it-talba taghha fuq il-fatt illi d-dewmien tal-esekuzzjoni tas-sentenza kien ser jippregudika lilha l-aktar u dan peress illi sakemm il-konjugi Catania ghadhom jirrisjedu fil-proprjeta taghha, hija kostretta tirrisjedi go *shelter*. Il-Qorti tal-Appell accettat it-talba tal-appellata Mary Catania wara li rat illi l-aggravji mressqa mill-appellanti fir-rikors tal-appell taghhom ma jirrigwardawx il-kawzali principali tat-talbiet, cioe - ghandomx titolu biex jokkupaw il-fond in kwistjoni; li l-ilment tal-appellanti kien jirrigwarda l-oggetti li jinsabu fil-fond in kwistjoni; l-allegazzjonijiet ta' abbuz maghmula mill-appellata; u l-fatt li l-appellanti ma jidhirx li ghandhom xi pretensjoni ta' titolu. Ghal dawn il-motivi l-Qorti tal-Appell iddecidet billi laqghat ir-rikors tal-appellata u ordnat l-esekuzzjoni provvizorja tas-sentenza ta' zgumbrament.

**Ikkonsidrat:**

Skond l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta'Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Skond l-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

**Fl-ewwel lok**, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu;

u **fit-tieni lok**, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Il-ligi thares il-jedd *prima facie* bhala rekwizit mehtieg għall-hrug tal-Mandat. Irid ghalhekk ikun jedd, *albeit* biss wiehed fuq bazi ta' *prima facie,* biex jimmerita harsien. Mhux bizzejjed li jkun sempliċi diffikulta', disagju jew thassib [ara – Qorti tal-Kummerc – **26 ta` Mejju 1995** fl-atti tar-Rikors ghall-hruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe et**" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]

Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-**14 ta' Lulju 1988** fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:

> ***"... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat."***

Ghax is-subinciz (2) huwa marbut ma` s-subinciz (1) tal-Artikolu.873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju. Anke jekk rikorrent ghandu jedd *prima facie* x`jigi tutelat, il-grad ta` pregudizzju li jkun se jgarrab jekk il-jedd tieghu *prima facie* ma jkunx tutelat bil-hrug tal-Mandat, irid ikun **irrimedjabbli** – dan skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna.

B`irrimedjabbli wiehed ghandu jfisser illi l-hsara li minnha r-rikorrent ikun qed jilmenta, tkun wahda tali illi ma tistax tissewwa mod ieħor. **Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitnehha**, **mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistharreġ il-kaz fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element mehtieg għall-hrug tal-Mandat** (ara – Prim`Awla tal-Qorti Civili – **2 ta` Jannar 1993** - Atti tar-Rikors għall-hruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **"Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe"**)

Il-Mandat ta' Inibizzjoni **huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali** (Vide **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** deciza fil-**25 ta' Jannar 2005** per **Imhallef Joseph R. Micallef**). Il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem. Issa dan ma jfissirx li ghax tkun intlaqghet talba ghall-hrug tal- Mandat, allura l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor lanqas ma jfisser illi ghax talba ghall-hrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Ir-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug tal-Mandat.
Tajjeb jinghad ukoll li procedura ta` din ix-xorta hija ntiza sabiex tkun sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegh tal-kawza dwar il-jedd.

**Ikkonsidrat;**

Ir-raguni moghtija mir-rikorrenti ghat-talbiet taghhom f'dan il-mandat, hija illi l-motivazzjoni li uzat il-Qorti tal-Appell biex tasal ghad-decizjoni taghha tat-18 ta' Lulju 2017 hija leziva tad-dritt tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq, u li inoltre, l-Artikolu 266 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta huwa, minnu nnifsu, leziv tad-dritt tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq billi r-rikorrenti mhux ser ikunu nghataw smiegh xieraq minn Qorti ndipendenti u mparzjali.

Il-Qorti tqis illi t-talba tar-rikorrenti hija nfondata u dan ghal zewg ragunijiet principali:

1. L-ewwel nett, il-Qorti taqbel mal-intimata illi din it-talba ma tistax issir, peress illi skont l-Artikolu 276 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, opposizzjoni ghal esekuzzjoni ta' mandat **tista' ssir biss wara l-esekuzzjoni tal-mandat, wara liema esekuzzjoni hemm procedura specifika, cioe dik provduta fl-Artikolu 281** tal-istess Kapitolu, liema procedura jistghu jirrikorru ghaliha r-rikorrenti biex joggezzjonaw ghall-esekuzzjoni tal-mandat. F'dan il-kaz, ir-rikorrenti stess jghidu *ex admissis* fir-rikors taghhom illi l-mandat ta' zgumbrament ghadu ma giex esegwit, ghalhekk ir-rikorrenti, ghad m'ghandhomx dritt azzjonabbli kontra l-istess mandate. Dan apparti illi skont il-ligi, il-procedura ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'hijiex il-procedura idoneja biex trazzan l-esekuzzjoni tal-mandat.

2. Fi kwalunkwe kaz il-Qorti rat illi l-oggezzjonijiet mressqa mir-rikorrenti ghal esekuzzjoni tal-mandat ta' zgumbrament huma bbazata fuq allegata lezjoni tad-dritt taghhom ghal smiegh xieraq. **Ghalhekk huwa car illi din m'hijiex il-Qorti kompetenti sabiex tiddetermina din il-kwistjoni peress illi ilmenti relatati fuq ksur ta' drittijiet fondamentali sanciti mill-Kostituzzjoni u/jew il-Konvenzjoni jaqghu taht il-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali)** u mhux ta' din il-Qorti bhala qorti ordinarja. Ghalhekk huwa car minn kif inhu mfassal ir-rikors tar-rikorrenti illi dan m'huwiex il-forum idoneju sabiex tigi ddeterminata t-talbiet taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, u tordna li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mir-rikorrenti.

**Moghti Kameralment illum.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**